# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 2**
**Rikors kostituzzjonali numru 67/2018 SM**

**Avukat Tonio Azzopardi**

***v.***

**Avukat Ġenerali; u b'dikriet tal-15 ta' Novembru 2018 l-Avukat Joseph Brincat tħalla jidħol fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn provvediment mogħti fit-28 ta' Ġunju 2018 li bih il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali ċaħdet talba tiegħu biex eċċezzjonijiet preliminari li ressaq l-istess Avukat Ġenerali jinqatgħu b'sentenza għalihom qabel ma l-qorti tibda tqis il-meritu. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Bir-rikors li bih inbdiet din il-kawża l-attur talab dikjarazzjoni illi xi disposizzjonijiet tal-Abbozz ta' Liġi numru 37 ta-2018, imsejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni, Kap. 524" jiksru (jekk

isiru liġi[1]) l-artt. 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 2, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"]. Għal dawn it-talbiet l-Avukat Ġenerali ressaq mumru ta' eċċezzjonijiet, uħud (l-ewwel erbgħa) ta' natura preliminari u oħrajn fil-meritu.

3. Fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2018 l-Avukat Ġenerali ivverbalizza din it-talba:

> »… … … l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari … huma ta' natura li jolqtu u jttemmu din l-azzjoni f'dan l-istadju mingħajr il-ħtieġa li din l-onorabbli qorti tidħol fil-mertu; u għalhekk jinsisti li dawn l-eċċezzjoni-jiet jiġu deċiżi f'sentenza għalihom qabel kull eċċezzjoni oħra.«

4. B'dikriet mogħti dakinhar stess, li minnu qieghed isir dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-Avukat Ġenerali billi dehrilha illi "jkun għaqli illi l-kawża tkun mismugħa fl-intier tagħha".

5. L-Avukat Ġenerali, wara li ngħata fakoltà jagħmel hekk b'dikriet tal-21 ta' Novembru 2018, appella b'rikors tas-26 ta' Novembru 2018 li għalih l-attur wieġeb fit-30 ta' Jannar 2019. Billi l-attur fit-tweġiba tiegħu ressaq eċċezzjoni ta' nullità tal-appell, il-qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni qabel ma tqis il-meritu tal-appell.

6. L-eċċezzjoni tgħid hekk:

> »Preliminarjament, l-irritwalità u n-nullità tal-appell interpost mill-Avukat Ġenerali *stante* li huwa jistqarr li "ġie mogħti l-permess illi jappella permezz tad-degriet mogħti mill-ewwel onorabbli qorti fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2018" – iżda m'hemm l-ebda digriet ta' din ix-xorta fil-verbal tat-qorti tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2018. Fil-fatt, dak li mhux irreġistrat fil-verbal ma nqarax fl-awla seduta *stante* fil-qorti bil-miftuħ kif jirrikjedi l-artikolu 229 tal-Kap 12. *Quod non est in actis non est in mundo*. Għalhekk, id-digriet li ssir riferenza għalih fir-

[1] Illum l-Abbozz għadda b'liġi bl-Att XXIV tal-2018.

rikors tal-appell huwa null u invalidu. Konsegwentement, ladarba l-awtorizzazzjoni allegatament mogħtija hija invalida, hekk ukoll huwa irritu u null l-appell tal-Avukat Ġenerali.«

7. Id-dikriet tal-21 ta' Novembru 2018 li bih l-ewwel qorti tat lill-Avukat Ġenerali l-fakoltà li jappella jidher miktub bl-idejn u iffirmat mill-imħallef fuq ir-rikors stess li bih intalbet dik il-fakoltà[2]. L-attur iżda jgħid illi fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2018 ma jingħadx li ngħata dak id-dikriet. Dan jista' jfisser illi d-dikriet ingħata *in camera*, iżda l-attur ikompli jgħid illi l-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi dikriet bħal dak jingħata "fil-qorti bil-miftuħ".

8. L-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-parti relevanti jgħid hekk:

»(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.

»… … …

»(5) Il-qorti għandha, kemm jista' jkun mingħajr dewmien, tagħti digriet waqt seduta bil-miftuħ dwar it-talba għal permess speċjali sabiex isir appell skont is-subartikolu (3) … b'mod illi tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha.

»… … …

»(10) Meta digriet interlokutorju jkun ingħata *in camera*, dan għandu għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u għall-għanijiet tal-kalkolu ta' kull żmien li jkun hemm fih stabbilit, jitqies bħala li jkun inqara bil-miftuħ fil-qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet mill-qorti *in camera.*«

---

[2] *Fol.* 35 tal-proċess tal-ewwel qorti.

9. Għalkemm l-art. 229(5) irid illi d-dikriet li jagħti permess biex isir appell "jinqara bil-miftuħ fil-qorti", l-art. 229(10) igħid ukoll illi jekk dikriet interlokutorju – u dikriet taħt l-art. 229(3) li jagħti permess li jsir appell huwa wkoll dikriet interlokutorju għax *post se exspectat sententiam* – ma jkunx inqara bil-miftuħ fil-qorti għax ikun ingħata *in camera*, il-konsegwenza tkun biss illi ż-żmien biex isir l-appell jibda jgħaddi mill-ewwel seduta li tiġi minnufih wara li d-dikriet ikun ingħata *in camera*, u mhux illi d-dikriet ma jkunx jiswa.

10. L-argument imbagħad li "m'hemmx appell minn dikriet kamerali" huwa manifestament ħażin ladarba l-liġi stess issemmi dikriet interlokutorju li jkun ingħata *in camera*, u ma huwiex kontestat illi dikrieti inter-kokutorji jista' jsir appell minnhom fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

11. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell hija għalhekk miċħuda.

12. Fil-meritu, l-argument imressaq fl-aggravji tal-Avukat Ġenerali essenzjalment huwa illi "l-eċċezzjonijiet preliminari tal-esponenti huma eċċezzjonijiet li jolqtu s-sisien tal-kawża u jittrattaw il-punt jekk essenzjalment il-kawża tal-attur setgħetx issir, bil-konsegwenza li huwa mill-aktar ġustifikat li tali eċċezzjonijiet jiġu trattati u deċiżi qabel l-eccezzjonijiet fil-mertu, u dan peress li l-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet … kemm individwalment kif ukoll flimkien iġib bħala konsegwenza naturali t-tmiem ta' dina l-kawża".

13. Sakemm ma hemmx disposizzjonijiet espressi li jirregolaw materja ta' proċedura huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti kif tmexxi l-kawża, u,

sakemm ma jintweriex li d-deċiżjoni tal-ewwel qorti tkun manifestament ħażina jew tagħmal inġustizzja ma' parti, din il-qorti bħala regola ma tindaħalx fil-mod kif l-ewwel qorti tirregola l-proċedura quddiemha.

14. Fil-każ tallum id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar jekk tagħtix sentenza waħda jew tagħtix sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari qabel ma tqis il-meritu kienet deċiżjoni fil-kompetenza tal-ewwel qorti u ma hemm xejn manifestament ħażin fil-mod kif l-ewwel qorti inqdiet bid-diskrezzjoni tagħha; wara kollox, li kawża tinqata' b'sentenza waħda hija r-regola mhux l-eċċezzjoni. Għalhekk ma huwiex il-każ li din il-qorti tiddisturba l-mod kif l-ewwel qorti nqdiet bid-diskrezzjoni tagħha, aktar u aktar meta tqis illi d-deċiżjoni li ħadet l-ewwel qorti ma hijiex waħda li tista' jkollha effett fuq kif tinqata', fis-sostanza, il-kawża. Anzi, kull ma jista' jingħad fuq id-deċiżjoni tal-ewwel qorti hu illi dan kien każ fejn l-ewwel qorti kellha tiċħad il-permess biex isir appell mid-dikriet.

15. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell, tiċħad ukoll l-appell tal-Avukat Ġenerali.

16. Dwar l-ispejjeż ta' dan l-episodju jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

17. L-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti biex jitkompla s-smigħ.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb